29 ta' Novembru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Giuseppe Dalli *versus* Rita Scerri et.**

**"Barmaid" — Impjeg — Kummissarju tal-Pulizija — Obligazzjoni — Klawsola Penali — Nullità — *Art. 1161 (1) tal-Kodiċi Ċivili, u Notifikazzjoni* tal-Gvern nru. 392 ta' l-1929.**

*Il-kondizzjonijiet ta' l-impjeg ta' "barmaid", għal dak li jirrigwarda s-salarju, l-alloġġ, il-għajxien, u l-ħinijiet tax-xogħol, huma suġġetti għall-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija. In-nuqqas ta' dik l-approvazzjoni jġib in-nullità tal-ftehim.*

*In-nullità ta' l-obligazzjoni prinċipali jġib magħha n-nullità tal-Klawsola penali aċċessorja għal dik l-obligazzjoni.*

*Għaldaqstant "barmaid" li timpjega ruħha bi ftehim fejn tiġi stipulata klawsola penali għal xi nuqqas ta' adempiment tal-pattijiet, ma tinkorrix fil-penali jekk il-kondizzjonijiet fuq imsemmijin ta' l-impjeg tagħha ma jkunux gew approvati mill-Kummissarju tal-Pulizija.*

Il-Qorti,— Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur ippremetta li fis-7 ta' Lulju 1951, il-konvenuta Rita Scerri impjegat ruħha miegħu bħala "barmaid", u obligat ruħha li taħdem miegħu sitt xhur kontinwi, u li, jekk titlaq mix-xogħol qabel dan iż-żmien, il-konvenuti obligaw ruħhom iħallsuh is-somma ta' £40 bħala penali; u li Rita Scerri ma marretx taħdem miegħu, u għalhekk il-konvenuti nkorrew ruħhom fl-imsemmija penali; u talab li, premessa kwalunkwe neċessarja dikjarazzjoni u provvediment opportun, il-konvenuti jigu, għar-ragunijiet fuq esposti u għar-ragunijiet li kellhom jirriżultaw matul it-trattazzjoni, kundannati jħallsuh is-somma ta' £40 bħala penali, jew mulia, kif indikat fl-iskrittura tas-7 ta' Lulju 1951 (dok. A). Bl-imgħax kummerċjali, u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Lulju 1951, u tal-mandat tal-qbid tal-25 ta' Lulju 1951, u tal-mandat tas-sekwestru ta' l-1 ta' Awissu 1951, kontra l-konvenuti interpellati għas-subizzjoni;

Rat fol. 7 in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha qalu illi l-konvenzjoni li biha Rita Scerri obligat ruħha ma' l-attur li taħdimlu bħala "barmaid" fil-ħanut tiegħu hija nulla, għax ma saritx bl-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija kif trid il-ligi, u għalhekk id-domanda attriċi ma tistax tigi milqugħa. Subordinatament, kien l-istess attur li bl-agir tiegħu sfratta l-ftehim kontenut fil-konvenzjoni;

Trattata l-kawża fuq il-pont preliminari, ikkunsidrat;

Il-materja hi regolata bin-Notifikazzjoni tal-Gvern no. 392 ta' l-1929. Skond dawn ir-regolamenti, il-kondizzjonijiet ta' l-impjeg tal-"barmaid" għal dak li jirrigwarda s-salarju, l-allogg, l-għajxien u l-ħinijiet tax-xogħol, huma suggetti għall-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Ma hux kontrastat li f'dan il-każ lanqas hemm xejn fl-iskrittura fol. 5 dwar dawn il-kondizzjonijiet; "molto meno" hemm l-approvazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Issa l-pont, però, hu jekk in-nuqqas ta' din l-approvazzjoni jgib in-nullità tal-ftehim;

Il-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza tagħha "Keler vs. Farrugia", mogħtija fil-15 ta' Diċembru 1947 (għalkemm, bi svista evidenti, hemm ċitata n-Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 490 ta' l-1935 minflok dik fuq imsemmija, kif irrilevaw il-konvenuti) — Vol. XXXIII—I—600 — irritenict kull ftehim

simili null, u l-Imhallef sedenti jaqbel ma' dan il-principju, u ma jhossx li jista' jaqbel mas-sentenza ta' din il-Qorti "Runza vs. Smith", 31 ta' Jannar 1938, Vol. XXX—III—353;

Issa, l-attur qieghed jagixxi in bazi ghall-klawsola penali; imma b'ligi l-art. 1162 (1) Kap. 23 Ediz. Riv. — in-nullità ta' l-obligazzjoni principali ggib maghha n-nullità tal-klawsola penali. L-obligazzjoni tal-konvenuta, li tahdem fil-hanut ta' l-attur, kienet nulla, u ghalhekk ma setghetx tinkorri ebda penali talli ma hadmetx;

Ghal dawn il motivi;

Tiddecidi;

Billi tiddikjara nulla l-klawsola penali kontenuta fl-iskrittura fol. 5, bazi ta' l-istanza, u konsegwentement tirrespingi l-istanza, bl-ispejjez kontra l-attur;

Tibqa' rizervata favur l-attur kull azzjoni li tista' talvolta tikkompeti lilu. "si et quatenus", taht aspett guridiku divers.